**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2025**

**Rikors guramentat nru: 237 /2022 AGV**

**LFL**

**VS**

**KCF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta‘ LFL datat 25 ta‘ Ottubru 2022 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kotendenti zzewgu nhar it-tlieta ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (03/08/1996) fil-Knisja Parrokkjali ta' Attard f`Malta hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkata bhala Dok A.

2. Illi minn dan z-zwieg twieldu sitt itfal hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid, hawn annessi u mnakati bhala DOK B1-B6 senjatament:-

a. **KFL** li twieldet il-Pieta' nhar is-sitta ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tminja u disghin (06/06/1998) u li illum hija maggorenni;

b. **MF** li twieldet il-Pieta' nhar l-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn (14/02/2000) u illum hija maggorenni;

c. **JFL** , li twiedet il-Pieta, nhar is-sittax ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (16/03/2007);

d. **KFL li** twieledet il-Msida nhar il-hmistax ta' Jannar elfejn u disgha (15/01/2009);

e. **JFL** li twieled l-Imsida nhar l-erbatax ta' Settembru tas-sena eflejn u ghaxra (14/09/2010); u

f. **MMFL li** twieled l-Msida, nhar it-tmienja ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (08/10/2013);

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m`ghadiex possibbli u z-zwieg tal-partijiet illi tkisser

4. Illi b`Att Pubbliku datat is-26 ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' il-partijiet qablu li minn dakinhar l-quddiem l-assi taghhom kellhom jibdew jigu regolati bir-regim tas-separazzjoni tal-beni kopja ta' dan il-kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok. C;**

5. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn xulxin mis-sena 2020 u llum ighixu hajja kompletatment separati minn xulxin;

6. Illi r-rikorrenti talbet li jinfethu l-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet fit-3 ta' Awwissu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u dan l-Onorabbli Qorti ordnat lil l-intimat ihallas is-somma ta' €150 *pendenti lite* ghal kull wild tal-partijiet permezz ta' digriet datat il-21 ta' Jannar 2022 kopja legali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok D.**

7. ILLI kull tentattiv ghal rikonciljazzjoni , medjazzjoni jew separazzjoni bonarja bejn il-partijiet ma tatx frott minhabba in-nuqqas estrem ta' kooperazzjoni da parti tal-intimat.

8. Illi fl-25 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 56/2012 iddikjarat il-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa u awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tipprocedi b`kawza ghas-separazzjoni personali fit-terminu mpost mill-Ligi (kopja awtentika annessa u mmakata bhala Dok **F).**

9. Illi r-raguni ta' din it-talba illi hija r-rikorrenti trid li tottjeni s-separazzjoni personali mar-ragel taghha tirregola l-aspetti relattivi ghall-ulied il-partijiet kif ukoll tiddividi l-propjeta' li hemm komuni bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija titlob bir-rispett u li dina L-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunza u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u abbandun u dan a tenur tal-artikolu 38 u 41 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53, u 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in toto jew in parte.

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied il-partijiet esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

5. Tikkonferma r-retta alimentari li l-intimat ghandu jhallas ta' kull xahar ghal ulied il-kontendenti kif kienet gie stabbilita permezz ta' digriet moghti minn din Il-Onorabbli Qorti fl-21 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u cioe' s-somma ta' €150 ghal kull wild liema somma ghandu tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

6. Tordna access tal-ulied minuri favur il-missier li ghandu jigu ezercitat kull nhar tat-Tlieta u Hamis bejn l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar sad-disgha ta' fil-ghaxija kif ukoll sleepover gimgha iva u ohra le.

7. Tordna li r-residenza odjerna tal-imsemmija minuri ghadha tibqa' dejjem mar-rikorrenti.

8. Tordna li-passaporti tal-imsemmija minuri ghandhom jinzammu mir-rikorrenti kif ukoll li l-ispejjez ghat-tigdid tal-istess passaporti jinqasmu bejn il-partijiet.

9. Tordna lill-konvenut jirristitwixxi lir-rikorrenti s-somma ta' €100,000 dovuti lilha liema ammont jirraprezenta hlas lir-rikorrenti kienet ghamlet f`isem l-intimat,

10. Tiddkjara li kull wiehed mill-kontendenti huwa kopert f`ishma ndaqs tal-blokka ta' appartamenti li tinsab fi triq il-Monsinjur Alfred Mifsud, Birkirkara.

11. Tordna l-qasma tal-istess blokka ta' appartamenti bl-opera occorendo ta' periti nominandi jew fin-nuqqas il-bejgh tal-istess propjeta' u l-qsim minn tali bejgh.

Salv dejjem xi provvedimenti ohra li fil-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti jidrilha iktar xierqa.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.**

Rat ir- Risposta mahlufa tal-konvenut KCF li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti jwiegeb l-ewwel talba tal-attrici billi jinghad illi huwa jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Illi l-esponenti jwiegeb bit-tieni talba tal-attrici billi jghid illi assolutament m'huwiex minnu allegat mill-attrici u l-esponenti jwiegbu ulterjorment illi hija l-attrici illi tahti ghal-firda tal-kontendenti minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-attrici kontra l-esponenti u dan kif jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-esponenti jwiegeb it-tielet talba attrici billi jghid illi ma hemm l-ebda lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 48,51, 53 u 54 tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu u ghalhekk din t-talba ghandha tigi respinta.

4. Illi l-esponenti jwiegeb r-raba` talba attrici billi jghid tali talba ghandha tigi respinta stante li ma tezisti l-ebda raguni valida fil-Ligi ghalfejn l-attrici ghandha jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva.

5. Illi l-esponenti jwiegeb il-hames talba attrici billi jghid illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi jhallas manteniment ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar ghall-bzonnijiet ta' uliedu minuri b`dana illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqis il-mezzi sostanzjali illi tipposjedi l-attrici.

6. Illi l-esponenti jwiegeb is-sitt talba attrici billi jghid illi huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghall-access kif propost mill-attrici b`dan illi jirrileva illi bejn il-kontendenti, qatt ma kien hemm problemi biex jikkordina l-access ta' ulied minuri bejniethom u kwalunkwe access ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti ghandu jkun minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ftehim differenti illi jilhqu l-kontendenti bejniethom.

7. Illi l-esponenti jwiegeb is-seba' talba attrici, billi jghid illi huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi r-residenza ordinarja tal-minuri tkun mal-attrici.

8. Illi l-esponenti jwiegeb it-tmien talba attrici, billi jghid illi huwa ma ghandu ebda oggezzjoni illi l-passaport tal-minuri jinzammu mill-attrici b`dan illi l-attrici ma ghandhiex issiefer lill-minuri ulied il-kontendenti barra minn Malta hlief bil-kunsens taz-zewg partijiet u b`modalitajiet illi solitament jigu mifthiema jew imposti f'tali cirkustanzi. L-esponenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi jhallas nofs l-ispejjez mehtiega ghat-tigdid tal-passaporti.

9. Illi l-esponenti jwiegeb id-disa' talba attrici billi jghid illi huwa joggezzjona ghaliha bl-aktar mod ferm u kategoriku billi hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dana (a) billi dina l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti komptenti biex tiehu azzjoni tal-krediti allegat mill-attrici liema allegat kreditu qatt ma ssemma matul is-seduti ta' medjazzjoni (b) billi mhuwiex minnu illi l-esponenti ghandu jaghti lill-attrici s-somma minnha reklamata jew xi somma ohra u (c) mhuwiex minnu illi l-attrici ghamlet xi hlas f`isem l-esponenti.

10. Illi l-esponenti jwiegeb l-ghaxar talba attrici billi jghid illi fil-waqt illi huwa minnu illi l-kontendenti huma ko-propjetarji ta' blokka ta' appartamenti imsemmija f`tali talba l-esponenti wahdu hareg is-somma sostanzjali ta' flus sabiex bena l-ahhar sular (penthouse) u sabiex saru l-finituri fil-blokka u sabiex jithallas is-self bankarju tas-sena 2022 u ghalhekk l-attrici ghandha tigi ordnata thallsu nofs tali somom wara illi dawn jigu likwidati u stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.

**11.** Illi l-esponenti jwiegeb il-hdax-il talba attrici billi jghid illi huwa joggezzjona ghaliha bl-aktar mod ferm u kategoriku billi hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-bini tal-blokk appartamenti in kwistjoni (flimkien ma' zewg appartament illi l-esponenti ser jakkwista minghand missieru) kien dejjem intenzjonat sabiex uliedhom jinghataw appartament kull wiehed sabiex ikun l-abitazzjoni taghhom meta jiehdu l-istat taghhom minghajr ma jkollhom il-bzonn invitabbli li jirrikoru ghal bank sabiex jottjenu self li jaffetwahom fuq perjodu ta' zmien twil u dan il-ftheim qed jigi

mwettaq fil-prezent billi l-ulied maggorenni diga’ hadu pussess ta’ unitajiet minn tali blokk u qed jordnaw l-ghamara u jordnaw madum u accessorji skond kif mixtieq minnhom, kif ukoll qassmu l-points tad-dawl u ilma kif mixtieq minnhom u jaqbel ghall-bzonnijiet specifici taghhom. Inoltre l-ulied, huma partecipi b`mod mill-aktar effettiv f`decizjonijiet bhall-kulur tal-faccata, finishies tal-lift u sahansitra x`isem ghandha tinghata l-blokka meta tkun lesta. Ghaldaqstant ma jghamilx sens illi l-attrici tigi mhollija tkisser kollox biex minghalija takkwista hija ghas-skapitu ta’ dan il-ftehim. Dan il-ftehim huwa fl-interess ta’ ulied il-kontendenti aktar u aktar meta dina l-Onorabbli Qorti tqis illi l-mezzi tal-attrici huma sostanzjali sewwa b`interess u b`ishma f`diversi kumpaniji kummercjali avvjati sew, liema mezzi jmorru sew lil hinn minn blokka appartamenti intiza ghall-ulied il-kontedenti.

Risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez  kontra l-attrici illi hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat id-dottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attrici tispjega li ma kinitx trabbiet fil-lussu u dejjem kienet hemm sabiex tghin lill-familja. Missierha kien persuna ta' dixxiplina u kien idejh hafifa u kien ghalhekk li tibza' minnu. Ma kienx ihalliha tohrog u darba meta nserta kien imsiefer, ommha hallietha tohrog u minn dakinhar saret taf lill-konvenut.

   Tghid li missierha ma kienx kuntent bil-konvenut u fl-gherusija kellhom intoppi. Tispjega ukoll li qabel iz-zwieg, il-konvenut kien hadem ftit ma' missierha, izda kienu tlewmu u wara beda jahdem ghar-rasu.

   Tghid li zzewwgu fit-3 ta' April, 1996 u kienu marru jghixu f'post li kien tahom missierha. Tghid li l-konvenut kien ighinha fil-faccendi tad-dar peress li kienet tahdem hinijiet twal ma' missierha, filwaqt li l-konvenut kellu l-kumpanija tieghu u kien isib hin imur id-dar jistrieh.

   Tghid ukoll li kienet baqghet tahdem u tlahhaq ma' kollox anke meta kellhom l-ewwel zewgt itfal, izda dak iz-zmien l-ghajnuna tar-ragel waqqfet. Sakemm kellhom it-tielet tarbija l-attrici tikkonferma li kellha l-Mirena, izda meta xtaqet it-tielet tarbija kienet nehhietha.

   Tkompli tispjega li fis-sena 2000, il-konvenut kien fetah hanut Bay Street bl-isem "Over the Skin" u kien isiefer, hafna drabi m'ommu sabiex inizzel l-*istock* u minkejja li kienet toqghod hawn minhabba t-tfal u kien joqghod xi jumejn iktar bhala btala. Dan il-hanut dam miftuh xi hames snin u minn dejjem kien hemm problemi li l-

konvenut kien ibiegh bid-dejn u kien wisq rilassat sabiex jigbor il-flus u kienet kemm il-darba tigbidlu l-attenzjoni.

Wara li ghalaq il-hanut, il-konvenut kien fetah *showroom* bil-madum, liema proprjeta' kienet ta' missieru u ftit wara xtara post fejn seta' jahzen il-merkanzija u anke ha garaxx il-Marsa li kien jikri missieru minghand haddiehor.

F'2002, il-konvenut, flimkien ma' missieru kienu waqqfu kumpanija Pavin Limited fejn bdew jaghmlu minn kollox li ghandu x'jaqsam ma' bejgh ta' madum u *turnkey*.[1]

Tghid ukoll li l-konvenut kien idur il-gazzetta tal-Gvern sabiex jara x'*tenders* seta' japplika ghalihom.

L-attrici tikkontendi li kienet hallset l-ewwel vjagg meta marru mal-genituri tal-konvenut. Tghid ukoll li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi lejn l-ispejjez tat-tfal jew ghall-ispejjez tad-dar u tal-hajja kien ihalli f'idejha. Lanqas meta kien jigi l-Milied jew il-birthdays tat-tfal ma kien jixtri xejn lanqas ghaliha.

Tispjega li kellha relazzjoni tajba mal-genituri tal-konvenut u kienu jzuruhom ta' spiss jew huma kienu jmorru ghandha, izda kienet indunat li omm il-konvenut kienet bdiet tghajja bit-tfal meta kienu joqoghdu jigru ghandha u ghalhekk kienu baqghu jmorru ghandhom kull nhar ta' Sibt u kienet toqghod tghinha bil-moghdija. Imbaghad bdiet thossha ssikkata u tkellmet mal-konvenut li darba fix-xahar ma jmorrux ghandhom halli jqattghu hin bhala familja.

[1] Dok. A

Bejn l-2007 u 2008, il-konvenut kien diehel shab ma' xi hadd M sabiex jixtri maisonette biex jibnu flats fuqha, izda l-ftehim ma sarx u ddecidew li jixtruha u jibnuha ghat-tfal. Ghalkemm kienu hadu l-loan ghall-post ta' B'Kara f'isimhom it-tnejn kien ihallas il-konvenut ghax kien rassikuraha li ried jiehu hsieb il-futur taghhom.

Tghid ukoll li l-livell tal-hajja taghhom kienet wahda pjuttost tajba ghaliex hi kellha paga tajba, kienu jibghatu lit-tfal skola privata jew tal-Knisja u anke kienu jattendu attivitajiet extra-kurrikulari. Tghid li ghaliha pero' ma kellhiex kapricci.

Tispjega kif fiz-zmien li l-konvenut kien jahdem bhala turnkey contractor ma' certu wiehed CM . Kienet tavzah sabiex joqghod attent minhabba l-flus u kellu jaghmel kollox bil-miktub u jiehu depozitu. Tul dan il-perjodu ma kinitx l-ewwel darba li kien jitlobha l-flus ghas-suppliers jew ghall-impjegati u kienet tghaddilu cekk vojt. Kien ukoll beda jispicca bla flus u jitlobha anke flus ghall-petrol.

Gara li fuq dawn il-kwistjonijiet, il-konvenut kellu jidhol il-Qorti u kien talabha sabiex tbiegh l-insurances taghha u tat-tfal. Hekk ghamlet u tghid li ma tafx x'ghamel b'dawn il-flus. Is-somma li kellu jigbor kienet tammonta ghal €750, 000, kif ukoll kellu d-dejn anke ma' zewg kumpaniji ta.' missierha u dan qiedgha f'posizzjoni skomda.

Is-sitwazzjoni finanzjarja taghhom waqqghet lura meta l-konvenut spicca bla impjieg u kien idur ghandha ghall-flus, izda peress li kienet qed trabbi hamest itfal bil-paga taghha biss, ma tantx setghet tghinu iktar kif ukoll thallas il-loan. Meta beda jahdem beda jerga' jhallas il-loan li kien ta' €700 fix-xahar.

Fl-istess zmien kienu ddecidew li jkomplu jibnu l-flattijiet sabiex ikunu jistghu jikruhom. Il-konvenut kien ighidilha li qed jinnegozja ma' certu wiehed H  sabiex jikri l-blokka, izda dan qatt ma sehh.

Tispjega li fis-sena 2011 il-konvenut kien fetah kumpanija u dahhalha shab, izda qatt ma kienet involuta direttament u lanqas ma trid ikollha x'taqsam maghha.

F'Mejju, 2012 kienet korriet tarbija u kienet haditha bi kbira hafna, izda ghall-konvenut ma kinitx taghmel differenza u lanqas kellu naqra empatija. Imbaghad kellha liz-zghir  M-M u f'dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem il-Libya u kull tlett gimghat kien jinzel ghall-*weekend* u sadanittant kienet tlahhaq max-xoghol u mat-tfal, izda kellha l-ghajnuna ta' ommha u anke tal-genituri tal-konvenut.

Izzid tghid li l-konvenut kien xtara dghajsa bil-flus li kien gab mill-kaz ta'  CM  u kien poggiha fuq ismu, izda kien ghamel l-*insurance* fuq isimha ma' persuna li kienet tahdem mieghu hi u kien beda jitlobha sabiex tkellem lill-konvenut sabiex ihallas li kellu b'lura. Kien ighid lill-familjari taghha li d-dghajsa kienet ta' kugintu u kien qed jiehu hsiebha u dan meta kellu jaghti flus lil missierha.

Il-konvenut kien anke juza' lill-awditur tal-kumpanija ta' missierha u kien beda jirrifjuta li jahdimlu iktar peress li ma kienx qed ihallsu u meta kellimha kienet imbarazzata hafna.

Minhabba l-istress li kellha kienet spiccat ittemtem u f'Ottubru, 2015, meta marret tkellem lit-tabib kien qallha li qed izommilha lsienha minhabba li kellha depressjoni.

Kien f'dan iz-zmien li wiehed minn hutha kien qalilha biex tmur maghhom it-Tajlandja u peress li l-konvenut offra sabiex ihallsilha hatfithu fil-kelma u marret ghal sitt gimghat u sakemm giet lura kien il-konvenut li kien jiehu hsieb lit-tfal. Indunat li kemm il-darba baghtet lill-konvenut messaggi u tghidlu li thobbu, qatt ma kien ighidilha.

Sabiex thossha ahjar u tirkupra kienet iddecidiet li tibda tahdem *part-time* u b'hekk setghet tlahhaq mat-tfal. Kien ukoll f'dan il-perjodu li ddecidiet tibda tmur ir-*reiki* u peress li kienet bdiet thossha ahjar kienet bdiet issegwi kors tar-*reiki* biex thossha ahjar. In kontro-ezami tichad li dina kienet setta, izda kienu jiltaqghu jaghmlu *meditation,* idoqqu u jkantaw. Tikkonferma ukoll li kienet tghaddi hin ma' F L u kienu anke siefru flimkien u dan kien minhabba li marru jsegwu kors tar-*reiki*. Peress li dan il-grupp kienu jiltaqghu kull nhar ta' Tlieta, kienu anke jieklu flimkien u kulhadd kien jipprepara xi haga.

Meta giet lura mit-Tajlandia kienet bdiet thossha ahjar u wara certu perjodu kienet bdiet tahdem hinijiet iktar twal, l-iktar minhabba li kienet qed thossha ahjar u kellha bzonn il-flus ghax hi kienet taghmel tajjeb ghall-ispejjez tat-tfal u ikel.

Bejn is-snin 2016 u 2017 kienet ghamlet kors fuq l-*energy healing* u riedet tibda tara xi klijenti u xtaqet li tbattal il-kamra tal-pranzu li qatt ma kienu juzaw u kienet spiccat kamra tal-imbarazz. Minkejja li l-konvenut kien wieghdha li ser jirrangaha qatt m'ghamel xejn u kien qallha li jekk kellha bzonn il-flus setghet iddur fuq missierha jew missieru.

Fis-sajf 2017, l-attrici kienet bdiet tattendi kors l-Universita’ u ggradwat fis-sena 2018. Ma sabet ebda ghajnuna minghand il-konvenut u kienet tghejja, tant li spiccat li kellha twaqqaf l-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal, kif ukoll bdiet tibghathom il-Klabb 3-16 ghaliex ommha kienet ghajjiet tiehu hsieb it-tfal.

Fl-ahhar tas-sena 2017, l-attrici kellha bzonn tixtri karozza, izda ma kellhiex il-mezzi. Il-konvenut ippropona li ghandha titlob lil missierha u kontra qalbha talbitu li jsellifha l-flus ghaliex ma kellhiex triq ohra. Wara hafna mistoqsijiet missierha kien sellifha l-flus u ghamlu karta bejniethom. Tghid li ghad ghandha ammont sostanzjali sabiex thallsu lura.[2]

Tammetti li kienet qed isibha difficli tkampa finanzjarjament u dan meta l-konvenut ma kienx qed ighin, anzi kien jippretendi li jiehu mill-flus li missierha kien jaghtiha bhala rigal fil-Milied.

## Dejn

L-attrici tispjega li l-konvenut kien dahal f’hafna dejn u ma kien ighidilha xejn peress li kienet qed tistenna tarbija. Il-komunikazzjoni ta’ bejniethom kienet bdiet tonqos ukoll u dan minhabba li kellu jaghti flus lil missierha.

Minhabba f’hekk hu l-konvenut S , kien ittrasferixxa garaxx fuq il-kumpanija ta’ missierha u dan minhabba li l-konvenut ma kienx salda d-dejn. In kontro-ezami tikkonferma li fuq il-karti kien jidher S bhala debitur ta’ missierha, meta fil-fatt kien il-konvenut li kellu jaghti

[2] Dok. G 1-12

l-flus. Hu l-konvenut kien hallas lil CM u lilhom kien tahom garaxx u b'hekk thallsu xi terz jew kwart ta' dak li kellhom jiehdu.

Tghid li l-problemi bdew jaggravaw wara l-Milied tas-sena 2017 u dan meta beda jumiljaha quddiem il-membri tal-familja u kienet qed twegga' bi kliemu. Waslu f'punt fejn ma bdewx jaqblu fuq certi affarijiet ukoll bhal qsim tal-gid taghhom, ma kienx iheggeg lit-tfal jistudjaw jew kien jinsulentahom. Minhabba f'hekk kien jinqala' hafna glied.

Bejn 2018 u 2019 kienu qabdu t-triq ghan-nizla u kienet qed tghix dejjem mdejjqa u b'hafna nervi. Il-konvenut ma kien jikkontribwixxi xejn u dan kien zmien fejn anke t-tfal bdew ikunu aggressivi ma' xulxin, tant li spiccaw li kellhom imorru ghand il-Family Support.

Il-problemi finanzjarji kienu aggravaw matul il-pandemija tal-Covid peress li bhala persuna vulnerabbli ma setghetx tohrog tahdem u ghalhekk kienet tghaddi bil-€800 li kien itiha l-Gvern u kien hemm perjodu fejn kienet iggib l-ikel minghand il-Kunsill. Kull meta l-attrici kienet titlob lill-konvenut il-flus kien jirrispondiha li ma kellux flus, pero' mbaghad kellu flus sabiex jixtri karozza li tiswa' €25, 000.

L-attrici zzid tghid li l-konvenut mhux biss ma kienx ighinha finanzjarjament, izda lanqas kien jiehu hsieb il-bzonnijiet tad-dar.

F'Dicembru, 2020, l-attrici kienet iddecidiet li ma setax tibqa' tghix hekk u kienet marret tiehu parir minghand avukat sabiex tasal ghas-separazzjoni bonarja. Fis-16 ta' Jannar, 2020 kienet qalet lill-

konvenut dwar l-intenzjonijiet taghha u minkejja li ppruvat tasal ghall-ftehim mieghu kien impossibbli.

Meta l-konvenut qabad u telaq mid-dar kienet bdiet tirranga d-dar u kienet anke itih dak kollu li kien tieghu jew li qalghu minghand il-genituri tieghu. Kien hemm sett tal-pranzu, li kienet ilha biex tnehhi u ftehmu li jzommu hu, filwaqt li jaghti lill-attrici €500 sa Dicembru, 2021. Dawn il-flus qatt ma waslu u l-attrici tikkontendi li apparti dawn il-flus, il-konvenut kellu jaghtiha ukoll €100, 000 rapprezentanti flus li tatu biex ihallas is-suppliers u l-pagi tal-haddiema u kella taghlaq l-insurances taghha u tat-tfal.[3]

Tispjega li sakemm telaq il-konvenut kienu jiggieldu hafna u lejn l-ahhar kienet anke spiccat tghajjat u titkellem hazin u dan kien minhabba li kienet ilha zzomm u fl-ahhar zbruffat.

Tghid li fit-3 ta’ Lulju, 2020, kienet mat-tfal ghand il-counsellor Shirley Riani u l-konvenut kien cempel lit-tfal sabiex jinfurmahom li kien telaq mid-dar u kien mar ighix fl-appartament ta’ B’Kara.[4]

Kien ftehmu li l-access ghat-tfal jigi ezercitat kull nhar ta’ Tlieta u Hamis fl-4.30 pm u mill-Gimgha sas-Sibt jew mis-Sibt ghall-Hadd.

Tikkonferma ukoll li minn meta l-konvenut kien telaq mid-dar it-tensjoni ta’ bejniethom kienet tnaqset u kienet baqghet tikkomunika mieghu peress li kienu keccewh mix-xoghol.

---

[3] Doks N Dok P6

[4] Dok. O 1-2

Tishaq li l-konvenut kien biegh id-dghajsa, izda ma kienx taha xejn mill-flus u dan b'differenza taghha fejn kienet anke tatu lura nofs it-*tax refund* tal-kors li kienet ghamlet l-Universita'.

F'Ottubru, 2020 kienet ghamlet xi tibdiliet fid-dar u dan l-iktar ghat-tfal.

**<u>Spejjez tat-tfal</u>**

Tispjega li fis-sajf tas-sena 2019, il-bniet tan-nofs kienu gew abbuzati u ghalhekk kellha tehodhom ghand psikologu tat-tfal, darba jew darbtejn fix-xahar kemm kien jehtieg u dejjem hallset ghal dawn l-ispejjes hi. L-istess kienet taghmel ghall-ispejjes tal-privat tat-tfal.

Tammetti li t-tfal dejjem kienet tipprova tikkuntentahom f'kollox imma mhux li tixtrilhom kull ma jridu.

**<u>Dar Matrimonjali</u>**

L-attrici tikkonferma li d-dar matrimonjali kien post li tahom missierha sabiex ighixu fih.

**<u>Proprjeta' u Flus f'isem it-tfal</u>**

Fl-2007, missier l-attrici ried jaghmel xi tibdiliet fil-kumpaniji u b'hekk xtaq li hi u zewgha jaghmlu s-separazzjoni tal-beni u hekk ghamlu.[5]

[5] Dok. T

Dwar l-appartamenti ta' B'Kara, il-konvenut kien ighidilha li ghandu kollox impartat, izda dan qatt ma sehh. Kien qallha li ma riedx jikrihom u dan meta ma kinitx qed thallaq mal-hajja. Il-konvenut kien ghamillha cekk ta' € 100, 000 izda kien talabha sabiex ma ssarrfux.

Ghalhekk l-attrici qed tinsisti li l-konvenut ghandu jtiha €100,500.

Dwar il-flus li t-tfal kienu jircievu bhala rigal minghand familjari u hbieb kienu nvestewhom ma' Zenith u kellhom jigu ttrasferiti ghand C F u l-ewwel ammont li kien gie investit kien €24,857.

**Awtorita' tal-Genitur, Kura u Kustodja u Access tal-Minuri**

L-attrici qed tinsisti li ghandha jkollha l-kura u kustodja tal-minuri sabiex tkun tista' tibqa' tiehu hsieb il-familja u peress li l-konvenut mhux genitur responsabbli.

Izzid tghid li l-minuri M ma jkunx irid imur ghand missieru u dan minhabba li kien ighajjru u kien anke jkollu ugigh ta' zaqq, izda dejjem baqghet tinsisti li ghandhom imorru ghand missierhom.

**Manteniment tal-Ulied**

L-attrici qed tinsisti li l-konvenut ghandu jhallas manteniment skond id-digriet li nghata minn dina l-Qorti fil-21 ta' Jannar, 2022 u tordnalu sabiex ihallas is-somma ta' €150 ghal kull wild fix-xahar.

In kontro-ezami tghid li kienu ghamlu s-separazzjoni tal-beni fl-2007, ferm wara li zzewwgu u dan sar fuq insistenza ta' missierha minhabba l-involviment taghha fil-kumpaniji tieghu u cioe' J.Lautier u Melita Manufacturing fejn il-kariga taghha kienet fi*nancial* u issa tahdem bhala *part-time administrator*. Tghid li hi azzjonista fiz-zewg kumpaniji u missierha huwa d-direttur.

In kontro-ezami ukoll tispjega li kienet ghamlet *spreadsheet* tal-flus li kienet ghaddiet lill-konvenut u tghid li jekk kienu ghall-iskopijiet tan-negozju tieghu, ma kellha x'taqsam xejn mal-kumpanija Paven Limited. Hemm cekkijiet li kienet tatu sabiex ihallas lill-impjegati u ohrajn ghall-iskopijiet personali.

Tghid li l-konvenut kien ghamilha cekk ta' mitt elf Euros u ghalkemm tammetti li kienet tohroglu cekk qatt ma kienet tghidlu li jrid itihomlha lura, izda tammetti li kien hemm arrangjamenti ohra qabel dan. Tichad li dan ic-cekk inhareg meta l-konvenut kellu problemi ma' CM . Ic-cekk sallum ghadu ma ssarafx ghax kien qallha biex issarrfu meta jghidilha hu.

Tikkonferma ukoll li kienet ghamlet online trading ta' xi €10, 000 bejn 2016 u 2017 sabiex tipprova tghijex il-familja peress dak kien zmien fejn kienet maghkusa. Tinnega li hadet dawn il-flus mil-Life Insurance.

In kontro-ezami tikkonferma ukoll li kienu ftehmu li hi thallas ghall-ispejjez tal-hajja, filwaqt li l-konvenut ihallas il-loan tal-post ta' B'Kara u fiz-zmien meta ma kienx qed jahdem kien talab moratorium mill-bank u llum qed thallas l-interessi hi.

Fir-rigward tal-post ta’ B’kara tghid li l-konvenut ghazel il-Perit, ha hsieb il-kostruzzjoni, il-bennej u anke l-*finishes.*

2. Il-konvenut jispjega li kellu hmistax-il sena meta beda johrog mal-attrici u fis-sajf tal-istess sena kien beda jahdem ma’ missierha li jopera kumpanija J. Lautier Company Limited. Ighid li l-attrici riedet tattendi l-Post Secondary izda minhabba insistenza da parti ta’ missierha kellha tieqaf sabiex tmur tahdem mieghu fuq xoghol klerikali. Hafna mill-hin taghhom fil-*weekend*s kienu jqattghuh jahdmu ghall-missier l-attrici.

   Anke fir-rigward tat-tieg, missier l-attrici kien ha hafna decizjonijiet u dan ghaliex kien ser ihallas hu u ried johrog ta’ nies.

   Missierha kien rigoruz hafna u jikkmanda kollox hu, tant li anke meta spicca jahdem mieghu kien baghtlu ittra b’avukat sabiex ma jahdimx f’xoghol li jkun in kompetizzjoni mieghu.

   Jipsjega li ta’ tmintax-il sena ma kienx irrealizza l-piz li kien missier l-attrici fuqha. Kien hemm abbuz u anke sahha mentali fragli.

   Izid ighid li dan l-indhil kompla anke wara li zzewwgu. Kien insista li l-attrici ghandha tkompli tahdem, filwaqt li ommha kienet ser tiehu hsieb uliedhom u kien izzommha xoghol ghall-hinijiet twal, bl-iskuza li kienu ghand ommha u kien anke jippretendi li jara dawn it-tfal kuljum. Gieli kien ikollhom il-laqghat u l-attrici kienet iddum sad-9 pm u t-tfal kienu jibqghu ghand in-nanna. Ighid li hu kien ikun is-*showroom* u kien jasal id-dar ghal xi s-7 pm u kien ilesti l-ikel ghal kulhadd meta kien ikun hemm dawn il-laqghat, li kienu jinzammu qisu darba fil-gimgha. In kontro-ezami jghid li kieku kien ikun jaf li

kienet ser iddum kien imur jigbor l-itfal imma kollox kien ikun bl-ghama.

Kien tlewwem mieghu ukoll peress li kien impjega lil oht l-attrici D, wara li kien kecciha mill-ufficcju peress li ma ridiex tohrog mal-guvni li kellha. Kellhom tilwima ohra meta hu u l-attrici kienu ddecidew li jixtru post taghhom u dan ghaliex missierha kien tahom post u cioe' Falcon Forge, Flat 1, Triq it-Torri, Msida u ma setax jara li kien hemm raguni ohra sabiex jixtru post taghhom u ma xtrawhx.

Itenni li fiz-zwieg it-tnejn li huma kienu jahdmu, l-attrici kienet taghmel xoghol klerikali ma' missierha, filwaqt li l-konvenut jispjega li kien ghamel xogholijiet differenti. Kien jimporta l-hwejjeg u kien ibiegh kemm bl-ingross kif ukoll bl-imnut fejn kellu hanut Bay Street, izda kien ghalaq dan il-hanut wara sena. Imbaghad bejn is-snin 2002 u 2012 kien jiehu hsieb il-kumpanija Pavin Limited, fejn kien direttur u shareholder, liema kumpanija kienet timporta l-madum u taghmel xoghol ta' *turnkey.*

Jispjega li l-kumpanija twaqqfet fiz-zwieg u kienet tieghu u ta' missieru fejn kellhom ishma ugwali. Il-problemi ma' dina l-kumpanija kienet li certu CM li kien klijent tal-kumpanija u kien kuntrattur kellu problemi mal-banek u minhabba f'hekk waqqaf il-pagamenti lil Pavin Limited, li per konsegwenza spiccat f'posizzjoni prekarja hazin u kellha tieqaf topera. Minhabba li hafna mill-privileggi li kien hemm irregistrati l-ammonti thallsu mill-bank u kellhom jaccettaw l-offerta tal-HSBC u l-APS ghax bdew jeddu li ser jifthu kawza sabiex iwaqqghu dawn il-privileggi. Accettaw l-offerta tal-banek li kien l-ammont ta' €500,000 meta huma kienu talbu €800,000.

Ighid li hu u l-attrici ddecidew li jergghu jibdew mill-gdid u fethu kumpanija ohra jisimha Lorvin Limited C 53705 u rregistrawh fit-30 ta' Awissu, 2011, fejn it-tnejn li huma huma azzjonisti.

Meta beda jinduna li s-sitwazzjoni kienet ser issir wahda prekarja, kien ghadda lill-attrici s-somma ta' €100,000 Eur peress li ma kienx qed jiehu l-paga u b'hekk ikun issigura li hadha minhabba l-problemi li kien hemm. U dan sabiex jekk jinqala' xi haga ikollha bizzejjed flus biex tiehu hsieb il-familja, peress li kellhom erbat itfal dak iz-zmien. Jekk kemm il-darba kien hemm kawza u tispicca mbaghad dak ic-cekk ikun jista' jissarraf mill-flus tieghu personali, imma minn flus li tkun ghaddietlu l-kumpanija.

Eventwalment fuq insistenza ta' martu impjega ruhu ma' Retail International Limited, kumpanija li kellha hwienet tal-hwejjeg il-Libya fejn xogholu kien ta' *project manager* fl-appalt u *dress up* biex jinfethu hwienet godda u ghalhekk kien ghamel xi sena u nofs il-Libya u sitt xhur il-Marokk.

Il-konvenut jishaq li waqt li kien jahdem ma' Pavin Limited u anke meta mpjega ruhu kien ghamel diversi xogholijiet u benefikati fid-dar li kien tahom missier l-attrici u jiddentifika dawn ix-xogholijiet fl-affidavit tieghu.[6]

Ighid ukoll li dejjem kien johrog budget ta' cirka 350 Eur ghat-tfal il-kbar u ftit anqas ghat-tfal l-ohra. Kien anke jiehu lit-tfal u anke l-gharajjes taghhom ghal btala darba fis-sena Meta t-tfal il-kbar K u M halqu tmintax-il sena kien xtralhom karozza kull wiehed. In kontro-ezami jikkonferma li dawn il-vetturi kienu *second hand* u kellu ftehim

[6] A fol. 704 tal-process

maghhom li hu jhallas nofs u n-nofs l-iehor ihallsuh huma, izda peress li M ma waslitx biex thallas kollox kien hafirhomlha u ta' cekk lil K bl-istess ammont biex ikun gust maghhom.

Jispjega ukoll li fl-2007 kien dahal ghax-xiri ta' maisonette bl-arja f'B'Kara ghall-prezz ta' Lm85,000 (€198,000 Eur) u peress li ma min kien ser jixtri ma wasalx issellef mill-Bank of Valletta fl-ammont ta' Lm60,000 (€139,762 Eur). Minkejja li kellhom is-separazzjoni tal-beni kellu jdahhal lill-attrici fl-akkwist, izda hi qatt ma harget sold la ghax-xiri u lanqas biex saru alterazzjonijiet necessarji jew l-appalti.

Illum ighid li zvilluppa din il-maisonette f'erba' appartamenti kbar u jikkonferma li hu kien ittrasferixxa s-sehem tieghu ta' zewg appartamenti lil K u M peress li dawn huma maggorenni, izda ighid li sfortunatament, l-attrici rrifjutat li taghmel l-istess.

L-istess ighid li kellu fiducja fl-attrici u meta kien ser jixtri garaxx l-Imsida, kien ser idahhalha fl-akkwist ukoll izda kienet irrifjutat li tmur ghall-kuntratt u dan peress li diga' kellha l-intenzjoni li tissepara.

Minhabba xi *displays* li kien ried jiddisponi minnhom kien wasal f'arrangjament ma' PTR Marine u bi tpartit kien ha dinghy ta' 11 -il pied numru ta' registrazzjoni S20431.

Jispjega ukoll li l-attrici kellha problemi bid-dipressjoni u ma kinitx tghidlu li kellha appuntamenti ghand psikjatra jew tobba u lanqas ma kinitx tiehu pilloli ghax kienet tghid li jhaxnu u mbaghad issiehbet fil-

kult “Nossolar” u bdiet tippreferi kuri alternattivi bhal *Reiki* u prattici simili.

Izid ighid li kienet giet rikoverata l-Isptar minhabba dipressjoni b’tendenzi suwicidjali, wara li harget mill-isptar u kienet bdiet tfittex kuri alternattivi bhar-*reiki* u kienet tqatta’ hafna hin ma’ FL li dak iz-zmien kien waqqaf il-kult Nossolar. Minn hemm kienet tqatta’ hafna hin mieghu.

Kien mar jiehu parir minghand Fr. Franco Fenech dwar dawn il-prattici godda tal-attrici u kienet tiehu ghaliha. Izid jispjega li l-attrici anke bdiet temmen hafna fl-energija sopranaturali u li l-Bibbja nkitbet minn nies komuni. Minhabba f’hekk ma tantx baqghu jmorru l-Knisja bhala familja u t-tfal bil-kemm kienet tibghathom ghad-duttrina.

Ighid li dan wassal ghall-iktar inkwiet bejniethom peress li dahlet f’mohha li l-energija tieghu u taghha ma jaqblux ma’ xulxin. Kienet bdiet tinsisti li kulhadd izomm postu biex l-energiji ma jithalltux.

Kien hemm problemi ukoll fl-intimita’ bejniethom u kienet tevitah u fil-fatt meta fis-16 ta’ Jannar, 2020, talbitu jisseparaw kienu ilhom erba’ snin ma jkunu intimi.

Ftit wara li qaltlu li trid tissepara bdiet takkuza li rrovinatlu hajtu bit-tfal, li ma riedx thallilhom s-sehem tal-appartament u bdiet tivvendika ruhha mit-tfal u lanqas kienet qed issajjar u sahansitra bdiet tidghi b’mpd sfrenat u tkellmu hazin kontra l-genituri tieghu.

Meta l-attrici qaltlu li trid tissepara kien telaq mid-dar, izda kien halla kollox warajh minhabba t-tfal. Bdiet toffri s-servizzi ta' kura alternattiva mid-dar u helset mill-kamra tal-pranzu u biex jehodha lura ghax kienet rigal tieghu kellu jaghtiha €500.

Ighid li ghalkemm l-attrici kienet tokrob l-ghaks kienet tiehu d-*dividends* mis-socjeta' fejn hi azzjonista u qalbet l-impjieg taghha ghal wiehed *part-time*. Bdiet anke tiehu decizjonijiet wahedha fuq it-tfal u lanqas ma toffrilhom servizz tat-telefon. Fil-hinijiet tal-access tieghu mliethom bl-attivitajiet extra-kurrikulari u spiccaw li jieklu fid-9 pm u kellhom inaqqsu l-attivitajiet li kienu jaghmlu flimkien.

Ighid li t-tfal jiehdu gost imorru ghandu, izda sfortunatament dejjem issib oggezzjoni sabiex tibghathom mieghu u hafna drabi taqlaghlu fwiedu jew inkella tivvinta l-access meta wiehed mit-tfal ikollu l-futbol u jkollu jhalli lil ohrajn id-dar sakemm jigbru. Jixtieq li l-attrici tikkonsulta mieghu qabel ma tiehu decizjonijiet.

3. **Sonia Galea**, in rapprezentanza ta' FSWS tikkonferma li kienet zammet madwar hamsin sezzjoni kemm mal-attrici, kif ukoll mal-konvenut individwalment, kif ukoll bhala koppja u kellha anke xi sezzjonijiet ma' xi tfal.

Kienet zammet is-sezzjonijiet bejn it-3 ta' Lulju, 2019 u t-8 ta' April, 2021 u tghid li kienu gew irreferuti f'Marzu, 2019 minn Community Services, minhabba li l-koppja kienet marret ghandhom minhabba *behavioural issues* tat-tfal peress li kien qed ikun hemm hafna glied bejniethom.

Bhala *family therapist* zammet l-ewwel ftit sezzjonijiet mal-omm u cioe' l-attrici u bdiet tikkonstata li kien ikun hemm hafna dizgwid bejn il-genituri. Ghalhekk zammet diversi sezzjonijiet mal-partijiet bhala koppja u anke individwalment, biex flimkien jesploraw kif setghu jissapportjaw lit-tfal. Il-problemi magguri kienet minhabba *mixed styles of parenting* u dan kien qed jaffettwa l-imgieba tat-tfal.

Il-partijiet kienu qalu li jhobbu lil xulxin pero' ma setghux isibu sapport f'xulxin u kien jezisti sens ta' izolament peress li parti mit-tfal li kienu jissapportjaw lill-konvenut u parti ohra lil ommhom. Tispjega li ppruvaw jahdmu sabiex il-koppja jkunu nkluzi fil-familja, izda mbaghad waslu ghas-separazzjoni.

Tispjega ukoll li kienet tkellmet mat-tfal iz-zghar u sadanittant il-process tas-separazzjoni kien diga' beda. Kienu qalulha li qed jimmissjaw lil missierhom u d-dimensjoni fid-dar taghhom, izda kienu kuntenti li ma kinux ghadhom qed joholqu hafna glied u ddecidew li ma kienx ghad kellhom il-bzonn ta' terapija. Tispjega ukoll li ma kinitx involviet lit-tfal kollha peress li uhud minnhom kien jmorru ghand terapisti ohrajn individwali u dan sabiex tevita parallel process.

Tispjega ukoll li l-process ta' separazzjoni kien difficli ghalihom u dan peress li fil-bidu r-relazzjoni taghhom kienet qisha wahda ta' *fairytale* izda mbaghad kien hemm ir-realizzazzjoni li r-relazzjoni bejniethom ma kinitx wahda *functional.* Ma kinux jaqblu bhala koppja u lanqas bhala genituri, L-attrici kienet haditha bi kbira, iktar iktar b'dak li semmew it-tfal li kien hemm habiba tal-konvenut.

4. **Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus li pprezenta l-*employment history* tal-attrici,[7] kif ukoll tal-konvenut.[8] Jikkonferma li bejn is-snin 1996 u 2012 il-konvenut ma kienx qed jahdem u lanqas kien qed jirregistra ghax-xoghol.

   Ipprezenta ukoll lista ta' persuni li kienu mpjegati matul iz-zmien mas-socjeta' Pavin Ltd.[9]

5. **Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ipprezentat numri ta' cekkijiet li nhargu mill-kont numru 085040608001 u dan il-kont jappartjeni lill-attrici.[10]

   Ipprezentat ukoll statement li juri l-entrati mill-14 ta' Frar, 2006 sal-14 ta' Novembru, 2009.[11]

6. **Mariella Mizzi** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat *statements* ta' *house loan* u dan kien f'isem KF u LFL .[12] Ipprezentat ukoll sanction letter,[13] kif ukoll il-kuntratt ta' self.[14]

   Tikkonferma li l-pagamenti kienu qed isiru, izda kienu erba' xhur lura, izda kienu waslu ghall-ftehim u l-pagamenti kienu qed isiru skond kif miftiehem. L-arrangjament kien sar mal-konvenut, li qed ihallas €725 fix-xahar u qabel il-pagamenti kienu qed isiru permezz ta' trasferiment minn go kont f'isem il-konvenut.[15]

---

[7] Dok. LB 1
[8] Dok. LB 2
[9] Dok. LBX 1
[10] Dok. LA 1 – LA 42
[111111] Dok. LA 43
[12] Dok. BOV 1
[13] Dok. BOV 2 u BOV 3
[14] Dok. BOV 4
[15] Dok. BOV 5

7. **Michael Savona**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li taht l-Att tal-Bastimenti Merkantili fir-rigward ta' *small ships* jirrizulta li hemm dghajsa rregistrata f'isem il-konvenut, li ilha rregistrata mill-1 ta' April, 2015 u dina hija inflatable dinghy.[16]

8. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali pprezentat informazzjoni u tah rendikont tal-beneficcji li tircievi l-attrici mis-sena 1998 sallum.[17]

9. **Claudia Diacono** in rapprezentanza tal-Malta Business Registry tispjega li l-kumpanija Paven Ltd. C 292920 giet imwaqqfa fit-12 ta' Frar, 2022. Illum il-kumpanija hija *struck off as defunct* u cioe' giet maghluqa minn naha tar-Registratur fit-12 ta' April, 2023.[18]

   Il-kumpanija Lorvin Ltd. C 537705 giet inwaqqfa fit-30 ta' Awissu, 2011 u dina l-kumpanija hija *struck off as defunct* fit-12 ta' April, 2023.[19]

   Tghid ukoll li l-attrici hija nvoluta fi tlett kumpaniji u cioe' J. Lautier Company Ltd C 5875 fejn hija *shareholder*, Lorvin Ltd. C 53705 fejn hija *shareholder* u Melita Manufacturing Comapny Ltd. C 6953 fejn hija *shareholder*.[20]

---

[16] Dok. MSX 1 u MSX 2
[17] Dok. STX 1
[18] Dok. CD 1
[19] Dok. CD 2
[20] Dok. CD 3

Tghid ukoll fix-xhieda ulterjuri li l-konvenut jidher li huwa nvolut f'zewg kumpaniji Lorvin Ltd C 53705 u l-kumpanija Payvin Ltd. C29292 u prezentement iz-zewg kumpaniji qedghin fil-process ta' *dissolution* u t-tlett xhur ighalqu fit-12 ta' April, 2023.[21]

Fejn hemm miktub "claim sent" dan ifisser li jkunu baghtu ghall-hlas ta' penali u kien hemm diversi li ma kinux thallsu jew kien hemm late filing jew ta' accounts ghas-snin 2017, 2019, 2020,2021, 2022.

Il-kumpanija Lorvin Ltd. Qed tigi likwidata da parti tar-Registratur, *struck off as defunct* skond il-Company Act 325, ghaliex kienet inattiva u ma bdewx jiddahhlu dokumenti u lanqas ma jithallsu l-penalitajiet.

Diment li ma jkunx hemm xi oggezzjoni fit-12 ta' April, 2023 jibqghu ghaddejjin bil-process tax-xoljiment u l-assi li kien hemm imorru ghand il-Gvern. Imbaghad ikun hemm hames snin cans sabiex wiehed jerga' jiftah rikors il-Qorti biex terga' tinfetah il-kumpanija biex l-isem tal-kumpanija terga' tigi fuq ir-registru. Ipprezenta ukoll id-dokument tal-involviment li jindika dawn iz-zewg kumpaniji.[22]

10. **Joseph Debono**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi pprezenta l-*income tax returns* ghall-perjodu bejn is-sena 1998 sas-sena 2020.

[21] Doks. CD 1 – CD 4 u Doks. CD 5 – CD 8
[22] Dok. CD 9

Dwar is-sena bazi 1998 Year of Assessment ighid li kien hemm emfazi fuq l-income tax returns tal-attrici fejn gie ddikjarat li kien hemm dhul ta' €5420 u thallset it-taxxa permezz ta' FSS 455.[23]

Ipprezenta r-returns ta' bejn Year of Assessment 2000 sa 2017.[24] Tispjega ukoll li ghas-sena tal-assessjar 2018 fejn kellha ssir *adjustment form* wara t-tax return. Id-dhul kien ta' €9333. Imbaghad mis-sena bazi 2020, il-kontendenti ddecidew li jibdew jiffalljaw *tax returns* ghalihom. Jispjega ukoll li baqghu joint sas-sena 2019 u kienu jiffirmaw kemm ir-ragel u l-mara. Mis-sena 2020, il-konvenut imliha ghalih u l-attrici ghaliha.

11. **FL** ighid li kien ilu jaf lill attrici, izda dwar il-konvenut ighid li kien iltaqa' mieghu darba biss, kienu sellmu lil xulxin, izda lanqas kienu tkellmu.
Jispjega li l-attrici qisha ohtu u kienu jaqsmu hafna mill-hsibijiet taghhom.

Izid ighid ukoll li Nossolar huwa post fejn jiltaqghu n-nies li huma *like-minded*, jaghmlu l-*meditations* u jaghmlu *mindfulness exercises*, ikantaw u jdoqqu, bhala post fejn jiltaqhu n-nies. Jikru l-premises ghal dina l-Kommunita' fejn jiehdu hsiebha hu u l-kollega tieghu MB

[23] Dok. JD 2
[24] Doks. JD 2 – JD 20

Jispjega li kien sar jaf lill-attrici meta fl-2015, kellha open day u l-attrici marret tara x'qed joffru u minn dak iz-zmien baqghet tmur, izda kull xahar.

Jispjega li lil MB kien sar jafha tramite grupp ta' hbieb li kienu jiltaqghu biex ikantaw, idoqqu l-kitarra u jghid li kienet tmur wahedha mhux bit-tfal.

Ighid li l-attrici kienet tghidllu li thossha li kellha l-inkwiet pero' qatt ma tkellmu dwar il-problemi personali taghhom u ghalhekk qatt m'ammettiet mieghu li kellha problemi ma' zewgha.

Jinnega li kellu relazzjoni mal-attrici u jammetti li hu gay u huwa mizzewweg addiritura u ilu mis-sena 2018.

12. **Shirley Galea,** psikoterapista tghid li kienet iltaqghet mal-attrici, kif ukoll ma' tnejn minn uliedha fil-kapacita' taghha bhala psikoterapista u dan kien ilu mis-sena 2019. Tispjega li l-attrici kienet fittxet l-ghajnuna terapewtika taghha minhabba li kienet inkwietata li t-tifla setghet giet abbuzata u ma kinitx xi haga li kellha x'taqsam mal-familja. Imbaghad kienet baqghet issegwihom minhabba li kien hemm problemi fid-dinamika tal-familja. It-tfal J u C kienu ddispjacuti ghaliex ir-relazzjoni bejn il-genituri taghhom ma kinitx sejra tajjeb. Kienu jitkellmu maghha dwar il-bizat li l-genituri kienu ser jitilqu lil xulxin u fil-fatt hekk gara.

Tispjega li kienet transazzjoni iebsa ghat-tfal imma maz-zmien bdew jadattaw ghall-bidla.

Tghid li xi kultant ghadha ssegwi lit-tfal. Ghall-bidu t-tfal kienu jafu li s-separazzjoni ha tigri ghax kienu jhossuha, izda mbaghad kien hemm is-sens ta' telfa fil-fatt li l-genituri ma baqghux ighixu taht l-istess saqaf.

Tispjega li dejjem tkellmet mal-attrici u dejjem uriet sapport lejn uliedhom. Ma jfissirx li peress li qatt ma tkellmet mal-konvenut ma kienx jissapportajahom pero' kienu jitkellmu ma' missierhom. Kien hemm episodji fejn l-attrici talbet lill-konvenut sabiex ighinha bid-dixxiplina mat-tifla. Tghid li l-genituri kienu jaqblu, pero' mbaghad kellhom id-differenzi taghhom u kienu differenti bil-mod li ddixxiplina tigi mplimentata.

Tammetti li ghal bidu kien difficli ghat-tfal sabiex jadattaw ghal dina l-fazi ta' hajjithom peress li jekk kienu mdorrijin, izda mbaghad kienu tfal resiljenti u ghalhekk adattaw.

Tghid li t-tfal kienu dejjem ihossuhom issapportjati miz-zewg genituri u qatt ma kienu jitkellmu kontrihom.

13. **Alexandra Farrugia** in rapprezentanza tal-Iskola Primarja St. Claire's bhala Head of School. Tikkonferma li M jattendi l-iskola taghha u huwa tifel gustuz, fuq ruhu, imma ma kienx johloq problemi. Huwa popolari ma' shabu u anke dejjem jaghmel xogholu. Dwar attendenza tghid li ma kienx hemm problemi.[25]

Tghid ukoll li minn dejjem kienet in kuntatt mal-attrici u kienet hi li kienet tattendi ghall-attivitajiet tal-iskola u skond xi ghalliema kien hemm xi okkazzjonijiet li kien attenda anke l-konvenut.

[25] Dok. AF 1

14. **Matthew Vassallo** in rapprezentanza tal-ARMS Ltd. Jikkonferma li zewg kontijiet f'isem l-attrici[26] u kont wiehed f'isem il-konvenut[27]

15. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li mir-ricerka li ghamel l-attrici hadet beneficcji ghal dawn l-ahhar hames snin, filwaqt li l-konvenut qatt ma ha beneficcji.[28]

16. **SF** hu l-konvenut ighid li ma tantx kien *close* ma' huh u ghalhekk ftit li xejn kienu jiltaqghu u meta kienu jiltaqghu kien jara kollox normali.

Bhala involviment tieghu fis-socjeta' Paven Limited ighid li m'ghandux x'jaqsam, hemm kienu diretturi missieru u l-konvenut, pero' huwa direttur tas-socjeta' Alucare Mosta Limited fejn gieli hadmulhom xi xoghol. Sa fejn jaf ighid li dina s-socjeta' waqfet topera.

Jispjega ukoll li bhala J. Lautier ghal Paven Ltd mal-konvenut ma hemm l-ebda dejn ghax kien gie saldat permezz ta' trasferiment ta' garaxx.

17. **DF** mart SF hu l-konvenut tispjega li ma tantx kienu jiffrekwentaw lill-partijiet u ghalhekk ma setghetx tiddentifika x'kienu

[26] Dok. MV 1 – Dok. MV 4
[27] Dok.MV 5 – Dok MV 6
[28] Dok. ST 1 – ST 2

l-problemi taghhom, pero' tispjega li l-kunjata kienet infurmathom li kien hemm xi inkwiet peress li l-attrici ma kinitx qed taccetta li l-konvenut ghandu habiba.

Dwar l-attrici tghid li kienet tahdem hinijiet twal mal-kumpanija ta' missierha u kienet gentili u dejjem lesta tghin lil haddiehor. Dejjem kienet taraha prezenti f'hajjet it-tfal.

18. **CS** tikkonferma li ulied il-partijiet u cioe' K , M , J u K kienu jattendu lezzjonijiet ta' zfin fl-iskola taghha bejn is-snin 2001 u 2017. Tul dan iz-zmien tghid li kienet tikkomunika mal-attrici dwar it-taghlim u l-progress ta' uliedha fil-qasam ta' zfin.

Tghid li l-attrici kienet dejjem tissapportja lit-tfal sakemm kienu imorru ghal dawn il-lezzjonjiiet u kienet dejjem hi li hallset ghal dan l-izfin permezz ta' cekkijiet mill-kont HSBC numru 850440608001.

19. **EL,** hu l-attrici, ighid li sar jaf lill-konvenut meta beda johrog mal-attrici u l-ġenituri tieghu kienu jibghatuh maghhom fil-weekend. Ighid li meta ssir taf lill-konvenut ghal bidu tahsbu simpatiku ghax dejjem bid-dahka fuq wiccu, izda meta ssir tafu sew, huwa persuna ipokrita u giddieb peress li kien jiftahar li ghandu *showroom* minn fejn kien ibiegh l-injam u kellhom ukoll fabbrika tal-injam, meta fil-fatt sar jaf li missieru kien jirrapprezenta lil xi fabbriki u kien ibiegh l-ghamara li kienu jiffabbrikaw.

Ghalkemm kienu jiffrekwentaw lil xulxin ighid li ma tantx kienu qrib xulxin.

Jispjega li f'Dicembru, 1997 hu u martu kienu marru jghixu f'appartament fuq dak tal-partijiet u kienu bdew jindunaw li sakemm twieled ir-raba' wild kien ikun hemm iktar glied bejn il-partijiet u anke l-konvenut kien jindirizzahom bi kliem oxxen.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut kien ghamel zmien jahdem maghhom, imbaghad kien telaq u fetah negozju ghar-rasu u anke kien ghamel zmien impjegat.

Izid ighid li l-konvenut kien akkwista garaxx temporanjament numru 2, Block Falcon Flats, Triq it-Torri tal-Imsida, flimkien ma' servizz tal-ilma u dawl, liema garaxx kien intitolat fuq missieru. Ighid li l-konvenut ghamel uzu minn dan il-garaxx ghal ghaxar snin, liema garaxx kien qed juzah ghall-uzu personali tieghu taht l-isem Pavin Ltd. Izid ighid li l-konvenut ma kienx ihallas ghall-konsum tad-dawl u ilma u lanqas hallas ghall-uzu personali tieghu.

Jispjega ukoll kif il-konvenut kien xtara crane sabiex jaghmel xoghol ta' appalt u kien jitolbu xi stimi fuq xoghol ta' aluminium. Peress li kien tal-familja kien itih dawn l-istimi u ghalkemm kien hallas parti minnhom, kien hemm ammont sostanzjali li ma kienx imhallas.Kien kelmu diversi drabi sabiex ihallas dawn il-flus, izda qatt ma wasal u ghalhekk kienu ltaqghu ma' missieru fl-10 ta' Mejju, 2012, biex irrikonciljaw il-kontijiet bejniethom. Ghamlu ftehim, li l-konvenut qatt ma onera. Ighid li l-ammont dovut huwa ta' €115, 300.82 inkluz VAT.

Ighid ukoll li apparti dan id-dejn ghandu ukoll fattura ohra pendenti ta' xogholijiet ta' hadid li kienu ghamlulu li jammontaw ghal €2534.27, inkluz il-Vat.

Jishaq li ghalih il-konvenut huwa persuna doppia faccia u li ghalih mn'alla kienet ommu li kienet tghin lill-attrici sabiex trabbi sitt ulied u anke fiz-zminijiet difficli meta kellha dipressjoni u kellha tigi rikoverata l-isptar.

20. **DL**, omm l-attrici tikkonferma li bintha l-attrici kienet saret taf lill-konvenut meta kellha hmistax-il sena u attendiet il-Legion of Mary. Kien qallha li ghandu fabbrika, imbaghad saru jafu li dan ma kienx minnu.

Ghall-gherusija kienu ghamlulhom festin kbir daqs tieg. Tghid ukoll li peress li l-attrici kienet tahdem kienet tghinha hafna anke biex twassal lit-tfal ghall-attivitajiet u tikkonferma ukoll li l-attrici kienet thallsilhom kollox. Tghid li l-konvenut ma kienx ighin u l-attrici kienet tispicca ghajjiena. Ma kellhiex alternattiva peress li l-konvenut ma kienx ighinha bl-ispejjez tal-ikel u bzonnijiet necessarji.

Kienet iddispjacuta hafna li meta l-attrici kellha tigi rikoverata l-isptar minhabba li kellha dipressjoni u dan kien fis-sajf tas-sena 2015 u l-konvenut ma kienx jissapportjaha. Kien iddispjaciha ukoll li l-attrici ma kinitx tiftah qalbha maghhom ghaliex setghu jtuha s-sapport.

Issemmi ukoll li kienet tara lill-konvenut izomm wisq dixxiplina mat-tfal u kien qisu Hitler fis-sens jew li jghid hu jew xejn.

Tishaq li r-raguni tal-firda kienet minhabba li l-konvenut kellu habiba u dan kienu semmew it-tfal quddiemha u ddecidiet li tikkonfrontah u kien irrisponda li ma kien xejn hazin billi jkollu habiba.

Tikkonferma li l-attrici kienet tahdem ma' missierha u kellha paga tajba u ma setghux jifhmu kif dejjem kienet tgerger li l-flus ma kinux iservuha. Imbaghad saru jafu li kienet tghin lill-konvenut biex ihallas lill-haddiema tieghu u spiccat tmantni lill-familja wahedha, u dan meta l-konvenut kien dejjem jifanfra li ghandu l -flus.

21. **JL ,** missier l-attrici jikkonferma li meta l-partijiet kienu ser jizzewwgu kien tah proprjeta' lill-attrici bl-uzufrutt sabiex jistghu jghixu fiha bhala d-dar matrimonjali. Ighid ukoll li lill-attrici kien jaghtiha rigali kbar generalment f'Gunju u Dicembru.

Ighid ukoll li fis-sena 2017, kien sellef lill-attrici somma flus sabiex tixtri vettura u ma setax jifhem ghalfejn kellha bzonn tissellef il-flus meta hi kienet tahdem hafna, izda ma kienx jistaqsi.

Ighid li ghalkemm il-konvenut kien jifanfra li ghandu l-flus ma kienx ihallsu ghax-xoghol li kien jaghmillu. Kien jidhak bih u jghid ukoll li kien ghamillu xi garanziji pero' ma setax jiftakar.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut kellu jaghti lill-kumpanija tieghu s-somma ta' €115,000 ghax-xoghol li ghamlulu li kien jikkonsisti f'aluminium u hadid. Parti minn dan l-ammont kien saldat b'garaxx li kellu hu l-konvenut S meta sar jaf li l-konvenut ma kienx salda dan l-ammont.

Kien anke sellfu garaxx u qatt ma hadlu flus tieghu.

Jikkonferma ukoll li kellu xi jghid diversi drabi mal-konvenut peress li kien isawwat lill-minuri M.

22. **PLF,** kien partner fil-kumpanija Paven Limited flimkien mal-konvenut u dina l-kumpanija jishaq kienet tiffinixja l-proprjetajiet. Jikkonferma li kellhom problemi ma' CM u kienu spiccaw il-Qorti peress ma kienx qed jaghmel il-pagamenti ghax-xoghol li kienu ghamlulu.

Ighid ukoll li meta kien hemm il-bzonn kien ighin lill-partjiet bit-tfal u kull nhar ta' Sibt kienu jmorru ghand il-partijiet u kienu jghinuhom. Ighid li anke meta l-partijiet kellhom problemi ma kienx jara li kien hemm meta kienu jmorru ghandhom is-Sibt.

Ighid li dwar terzi persuni kien jaf li l-attrici kienet tkun hafna ma' ragel li kien involut f'xi setta.

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

L-attrici tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut minhabba l-estremi kkontemplati fil-ligi, kif ukoll minhabba adulterju u abbandun.

Da parti tieghu, il-konvenut jinnega li ghandu tort ghas-separazzjoni, izda jaddebitaha lill-attrici minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

Il-konvenut kien fjakk fil-provi li ressaq rigward dawn it-tortijiet, hlief li jwahhal hafna mit-tort fid-dominanza ta' missierha, li mieghu kienet tahdem l-attrici. Missierha kien jippretendi li ghandha ddum ix-xoghol u kien jikkmandaha.

Ighid li l-attrici kienet iddum sa tard filghaxija  ghal-laqghat li kienu jinzammu l-ufficcju u kienu jispiccaw ghall-habta tad-9 pm. Izid ighid li sadanittant, it-tfal kienu jibqghu ghand ommha ghaliex missierha kien mohhu mistrieh li martu qed tiehu hsieb it-tfal u l-attrici tista' tahdem fil-kwiet. In kontro-ezami, il-konvenut jikkonferma li dawn il-laqghat kienu jsiru darba kull gimgha u mhux kuljum u ma kienx imur ghat-tfal peress kien imur id-dar sabiex isajjar ghal kulhadd.

Huwa minnu kif xehdet l-attrici, li minkejja li l-konvenut kien jilmenta u jakkuza lill-missierha, kien hadem mieghu ghal certu perjodu u kien anke jissellef minghandu u sab fejn joqghod b'xejn peress li missierha kien tahom post u resista meta urew ix-xewqa li jixtru post.

Ghall-attrici l-problema principali kienet li l-konvenut qatt ma kien jinvolvi ruhu fit-trobbija tat-tfal u dan meta kellhom sitt itfal. Kienet issib hafna ghajnuna minghand ommha u l-genituri tal-konvenut kienu jmorru ghandhom kull nhar ta' Sibt u kienu jghinuha bil-moghdija u l-hwejjeg. Ghalkemm imbaghad kienet insistiet li darba fix-xahar dan ma jsehhx sabiex tkun tista' tgawdi lill-familja.

Kien hemm zmien ukoll fejn il-konvenut mar jahdem il-Libya peress li ma setax isib xoghol  u ghalhekk spicca li kollox waqa' fuqha, tahdem, twassal lit-tfal l-iskola u ghall-attivitajiet extra-kurrikulari u tghinhom fil-*homework* u studju. Dan huwa kkonfermat kemm minn Alexandra Farrugia Head tal-Iskola Primarja St.Claire's fejn jattendi

l-minuri M , kif ukoll minn CS , l-ghalliema ta' zfin tal-bniet. Ghalihom il-konnessjoni mat-tfal kienet l-attrici u kienet l-istess attrici li kienet tmur tigborhom u fil-kaz tal-izfin kienet hi li thallas il-mizati.

Donnu li l-konvenut irid jogbor giehu u jirribatti l-allegazzjonijiet tal-attrici billi jsostni li hu dejjem kien hemm ghat-tfal u kien ihobb isiefirhom u sahansitra kien anke tah sehemhu mill-blokk ta' appartamenti f'B'Kara lil zewg ulied K u M u dawn meta saru maggorenni.

Il-Qorti tirrileva li huwa fl-istadju tat-trobbija li l-genituri ghandhom ikunu hemm sabiex jissapportjaw lil xulxin, ghalkemm l-ghajnuna ta' genitur ma tieqafx anke meta t-tfal jikbru. Jirrizulta mill-provi ukoll li l-konvenut ried isiefer lit-tfal f'Gunju u cioe' fiz-zmien l-ezamijiet u dan juri b'mod car li dak iz-zmien kien distakkat ghal kollox mir-realta' tal-hajja studenteska.

Dina l-Qorti hija iktar konvinta li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenut li wassal sabiex l-attrici tkun *completely worn out*, bejn xoghol u trabbi sitt itfal certament mhix cajta!

Il-konvenut jinsisti li wara dan l-episodju ta' depressjoni tal-attrici, inbidlet ghal kollox, specjalment meta bdiet tattendi dak li jsejjah setta ta' *reik*i. L-attrici tammetti li kienet sabet il-wens taghha f'dan il-grupp imexxi minn FL fejn kienu jippratikaw *energy healing.*

Ghalkemm il-konvenut jallega li l-attrici prattikament abbandunat lill-familja biex tkun ma' dan F L , l-adulterju zgur ma jirrizultax tant li l-istess L  jammetti li huwa gay u mizzewweg. Bhala rizultat ta' dina s-setta l-konvenut ighid li l-attrici waqfet li tattendi izjed il-Knisja, fejn qabel kienu dejjem imorru bhala familja u kwazi kwazi lanqas kienet tibghat lit-tfal il-Muzew, Kienet anke bdiet tidghi u tuza' kliem oxxen fejn dan qatt ma sehh.

L-attrici ma tinnegax li sabet sapport shih f'dan il-grupp, izda kienu jaghmel meditazzjoni, kif ukoll idoqqu u jkantaw u darba fil-gimgha kienu jieklu flimkien.

F'dan iz-zmien l-attrici kienet naqset ix-xoghol ghall-part-time u wara btala ma' huha t-Tajlandja kienet giet lura thossha ahjar, Il-kovenut jallega li l-attrici ghazlet li tabbanduna lill-familja ghal- sitt gimghat, imma effettivament, l-attrici kellha bzonn dan il-mistrieh specjalment meta kienet qed tipprova tiggieled u  tirkupra minn depressjoni.

Huwa minnu li sa certu punt dina l-ghaqda jew setta kif isejhilha l-konvenut ikkontribwixxa ghat-tifrik taz-zwieg ghaliex l-attrici bdiet thoss li hi u l-konvenut ma setghux isibu iktar ekwilibriju bejniethom u d-divergenzi kibru, partikolarment fit-trobbija tal-ulied bdiet tinhass u bdiet anke thalli mpatt fuq it-tfal, kif anke fissret Sonia Galea in rapprezentanza tal-FSWS. Forsi kien hemm element ta' estremita' kif hafna drabi dawn l-ghaqdiet jipprovaw joholqu, izda ukoll kien permezz taghha li forsi l-attrici realizzat li bejniethom kienet ilha hemm dik l-energija negattiva.

Ghandu jigi rilevat ukoll li problema fiz-zwieg ukoll kienet li hemm id-dipendenza finanzjarja tal-konvenut fuq l-attrici, peress li kellu serhan il-mohh li hija azzjonijista fil-kumpaniji ta' missierha li kien jiggestixxi negozju tajjeb.

Ghalkemm il-konvenut dejjem ipprova jikkrea x-xoghol, sfortunatament dejjem kien isib xi intopp jew ma kienx kapaci jamministra n-negozju tajjeb, tant li wasluh f'hafna problemi finanzjarja u l-attrici ppruvat tghinu sabiex johrog minn dan id-dejn.

Madanakollu, lanqas kien dispost li jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-familja u kollox waqa' fuq l-attrici. Is-serhan tal-mohh tieghu kien li bena l-blokka ta' appartamenti sabiex jiggarantixxi post ghal kull wiehed minn uliedu u kien ha hsieb il-bini tal-istess blokka u assuma l-*loan*. Ghalhekk wiehed jifhem ukoll li l-konvenut kien hassu li qed jaghmel il-parti tieghu ukoll f'dan is-sens, izda dan kollu sehh wara li l-attrici ghenitu jevita hafna djun sostanzjali minhabba n-negozjati ma' CM  li kienu marru hazin tramite s-socjeta' Pavin Limited.

Iz-zwieg ha rankatura ghal isfel meta mbaghad il-konvenut beda abitudni li jirridikolaha u jinsulentaha anke quddiem il-familjari u ghall-attrici dan ma kienx accettabbli.

Ghaldaqstant, in vista ta' dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti thoss li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba eccessi u ingurji gravi.

**<u>Adulterju</u>**

L-attrici taddebita l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut minhabba li kkommetta adulterju, kif ukoll minhabba abbandun, li ma rrizultax, kif ukoll l-estremi ohra kkontemplati fil-ligi.

It-test ghall-adulterju huwa wiehed rigidu u min jiggudika jehtieg li jkun soddisfatt li hemm indizji u prezunzjonijiet gravi, precizi u konkordanti.

L-attrici ssemmi li l-konvenut kellu relazzjoni ma' MZ u dan meta ndunat li kienu qed jiskambjaw diversi messaggi li ma kinux messaggi ta' bejn hbieb. Inoltre skopriet li kien qed ihallas il-poloz ta' assikurazzjoni ta' dina l-istess terza persuna.

Il-konvenut ghazel li ma jsemmix dawn il-fatti, izda oltre xi messaggi u dan it-trasferiment, ma jistax jigi konluz li kien hemm adulterju kommess mill-konvenut ghaliex l-indizji u prezunzjonjiet huma llimitati ghall-ahhar u certament mhux daqshekk precizi.

Ghaldaqstant, l-adulterju ma giex ippruvat.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Prezentement il-partijiet ghandhom il-kura u kustodja kongunta tal-minuri li llum tlieta biss huma, ghaliex it-tlieta l-ohra huma maggorenni.

L-attrici tikkontendi li dina ghandha tigi vvarjata u tinghata kura u kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li l-konvenut qed jinsisti li ma jezistux ragunijiet li jirrikjedu li l-kura u kustodja ma tibqax wahda konguntiva.

Il-Qorti ghamlet il-posizzjoni cara diversi drabi fejn tara li bejn il-partijiet tezisti l-impossibilta' ta' komunikazzjoni. Fis-sentenza fl-

ismijiet **Miriam Cauchi pro.et.noe. vs Francis Cauchi**,[29] il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija "***tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom."*** Dan l-insenjament kompla gie elaborat fis-sentenza ***Scott Schembri vs Dorianne Polidano***[30] fejn il-Qorti sahqet illi "***filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri mhumiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri."***

L-attrici ssostni li l-konvenut qatt ma kien hemm ghat-tfal u kienet tiehu hsiebhom hi, flimkien bl-ghajnuna ta' ommha. Kienet tlahhaq tahdem *full-time* u twassal l-itfal ghall-attivitajiet extra-kurrikulari. Omm l-attrici tikkonferma li kienet taghti dina l-ghajnuna lill-attrici peress li kienet tkun imhabbta.

L-attrici ukoll tghid li l-konvenut ma joffrix l-istabbilita' li t-tfal ghandhom bzonn u dan meta ma kien ghad jinkwieta sabiex jorganizza btala f'Gunju, meta t-tfal ikollhom l-ezamijiet u l-istess ghamel meta oggezzjonat li thalli lit-tifel J, imur btala Sqallija. Ghalkemm il-konvenut jinterpretaha bhala pika da parti tal-attrici u jpingiha mod ikrah mat-tifel, ir-raguni kienet minhabba li kellu l-ezamijiet u ghaliha din kienet priorita'.

[29] Deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (Rik. Gur. 2463/1999/1)
[30] Deciza fit-30 ta' April, 2015 (Rik. Gur. 277/2012 RGM)

Omm l-attrici kif ukoll huha kienu ukoll ma japprovawx il-mod ta' kif il-konvenut kien jiddixxiplina lit-tfal

L-attrici, anke ccitat gurisprudenza nostrana sabiex isahhah it-tezi taghha li ghandha tinghata kura u kustodja esklussiva u dan stante li huwa difficli li tikkomunika mal-konvenut ghaliex minkejja pendente lite ghandhom il-kura u kustodja, jopponi ghal kull haga ta' xejn u l-attrici jkollha tipprezenta rikors, bhalma ghamlet fil-kaz tal-skola sajf, fejn il-konvenut ma riedx jiffirma u fl-istess waqt ighid li t-tfal ma kinux interessati li jattendu ghalih.

Madanakollu, l-attrici ma semmietx iktar episodji fejn kien hemm dizgwid fuq dak li jikkoncerna t-tfal. L-uniku ilment li kellu l-konvenut huwa li l-attrici dejjem issib skuza ghall-access jew tinsisti li l-granet ikunu meta t-tfal ghandhom attivitajiet extra-kurrikulari u jispicca jqatta' ftit *quality time* maghhom u jghaddi izjed hin fil-karozza sabiex iwassalhom u jigborhom.

Ghalhekk, ghal dina l-Qorti ma jezistux ragunijiet sufficjenti jew ta' tali gravita' li kura u kustodja konguntiva ser tippregudika t-trobbija tat-tfal. Il-Qorti theggeg lill-partijiet sabiex dejjem jikkooperaw u jidher li jaqblu fuq hafna affarijiet u ghalhekk jehtieg li dejjem ifittxu kompromess u dan fl-ahjar interess tal-minuri, li huwa fl-ahhar mill-ahhar il-mira ta' dina l-Qorti.

Ma jirrizultax li hemm xi relazzjonijiet bejn il-genituri u t-tfal, li kif stqarret Sonia Galea, in rapprezentanza tal-FSWS li jindikaw li seta' kellhom xi problemi. Anzi, kien qed ikun hemm *behavioural issues* mat-tfal in konsegwenza tas-separazzjoni tal-genituri u t-tfal kienu

jghidulha li kienu jimmissjaw lil missieru, peress li kien telaq mid-dar, izda fl-istess hin kienu ddejjqu jaraw hafna glied.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' wahda konguntiva.

**Manteniment**

Jirrizulta mis-sottomissjonjiet tal-partijiet li hemm qbil li l-manteniment ghat-tfal minuri jkun dak ta' €150 ghal kull wild u dan kif kien diga' gie ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Jannar, 2022, liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

M'hemmx opposizzjoni ukoll ghat-talba tal-attrici sabiex l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni, kif ukoll dawn relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Il-konvenut irrileva ukoll li l-minuri J , saret maggorenni fil-mori tal-kawza u peress li ghadha qed tistudja fuq bazi *full-time* dispost li jkompli jmantniha izda jitlob li jigi awtorizzat li jghaddi lil flus lilha direttament. Il-Qorti tirrileva li prezentement, J tghix m'ommha u ghalhekk ghad hemm lok li ghandha l-bzonnijiet taghha li certament ma jistghux jigi nterament merfugha mill-attrici u konsegwentement ikun opportun li l-flus jibqghu jithallsu lill-attrici ghall-istess minuri.

**Access**

Minkejja li kien hemm diversi ilmenti da parti tal-konvenut rigward il-modalitajiet tal-access, ma jopponix ghall-granet u hinijiet proposti mill-attrici u cioe' kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4.30 pm sad-9

pm, kif ukoll *sleepover* mill-Gimgha sas-Sibt filghaxija u l-gimgha ta' wara b'mod alternat mis-Sibt ghall-Hadd.

Bejn il-kliem u l-fatti hemm qabza kbira u jekk kemm il-darba l-konvenut ilmenta fuq dawn il-granet u hinijiet u issa qed jaqbel fuqhom, ikun opportun li kemm jista' jkun jottempera ruhu mal-istess ordni tal-Qorti, kif qed jigi hawn deciz u jekk hemm cirkostanzi li jirrikjedu bdil fil-granet u hinijiet jehtieg li jkun hemm pre-avviz tal-anqas 48 siegha lill-attrici.

**<u>Residenza Ordinarja tal-Minuri</u>**

Ghal darb'ohra l-partijiet qed jaqblu illi r-residenza ordinarja ghandha tkun dik tal-attrici u jirrizulta ukoll li ma hemmx opposizzjoni da parti tal-konvenut.

**<u>Passaporti</u>**

Jirrizulta ukoll li ghat-talba attrici sabiex dina l-Qorti tordna l-passaporti tal-minuri ghandhom jinzammu mill-attrici, filwaqt li l-ispejjes ghat-tigdid tal-istess passaport ghandhom jinqasmu bejniethom.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

B'att pubbliku li jgib id-data 26 ta' Frar, 2007 fl-atti tan-Nutar Dr.Carmel Gafa' gie kkonfermat li l-partijiet kienu ghamlu kuntratt tas-separazzjoni tal-beni.[31]

[31] Vide Dok T annes mal-affidavit tal-attrici.

**Proprjeta' mobbli**

Qabel li saret is-separazzjoni tal-beni, il-partijiet kienu qablu li kwalsiasi proprjeta' li ghandhom sa dik id-data tal-bejgh, ghandha tibqa' in komun bejniethom.

Kwalunkwe proprjeta' li giet akkwistata wara l-iffirmar tal-kuntratt awtomatikament baqghet proprjeta' tal-komparenti li jkun akkwistaha.

Ghalhekk f'dan is-sens, il-vettura li l-attrici kienet xtrat fis-sena 2017, wara li ssellfet flus minghand missierha, kien ghad hemm id-dejn fuqha, izda ghandha tibqa' tal-attrici peress li giet mixtrija wara s-sena 2007, flimkien mad-dejn ezistenti fil-kofront ta' missierha.

**Proprjeta' Immobbli**

Mill-assjem tal-provi, ma jirrizultax li hemm opposizzjoni li d-dar matrimonjali hija parafernali ghall-attrici. Illum l-attrici tghix fiha flimkien ma' sitt itfal.

Ighid ukoll li l-proprjeta' li kienet tinstab gewwa Triq Monsinjur Alfred Mifsud dan kien investiment ghat-tfal u l-konvenut kien jiehu hsieb li jhallas il-loan u dan qed jigi ppacut mill-attrici li baqghet ghall-ispejjes ta' sitt itfal li ghadhom ighixu maghha.

Il-konvenut jikkonferma li l-post kien f'ismu u dan ghaliex dejjem hekk kien il-ftehim bejniethom

**Debitu**

L-attrici tikkontendi li hi kienet ghamlet diversi hlasijiet f'isem il-konvenut u dan kien sar f'forma ta' self. Il-konvenut jirribatti dina l-allegazzjoni tal-attrici u jinsisti li l-pagamenti li ghamlet l-attrici kienu saru f'isem is-socjeta' Pavin Limited illi twaqqfet fiz-zwieg meta kienet ghadha topera l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u ghalhekk l-attrici ghandha sehemha mill-istess.

L-attrici ssostni li skond il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, precisament f'klawsola 5, hemm stipulat li kwalsiasi debitu li kull naha seta' kellha qabel il-kuntratt, kif ukoll kull debitu li jsir minn dakinhar 'l quddiem, jibqa' spettanti lill-parti li tkun ghamlitu minghajr ebda obbligu ta' hlas da parti tal-parti l-ohra. B'hekk tinsisti li d-debitu ma baqax komuni in vizta tas-separazzjoni tal-beni u ghandha dritt titlob lil dina l-Qorti sabiex tiehu sehemha.

Hemm verzjonijiet kontrastanti bejnm il-partijiet rigward il-flus li harget l-attrici. Hi tikkontendi li kienet sellfet lill-konvenut dawn il-flus, fiz-zmien meta kien inqabbad bi problemi finanzjarji fit-tmexxija tan-negozju li kien jiggestixxi tramite s-socjeta' Pavin Limited minhabba li klijent tal-istess socjeta' CM kien waqa' lura fil-pagamenti, tant li spiccaw il-Qorti.

Hemm konferma da parti tal-partijiet li flus li sellfet l-attrici kienu sabiex jithallsu l-impjegati tal-istess socjeta' u l-kredituri bhas-suppliers tal-istess socjeta' u apparti li sellfitu l-flus, kienet ukoll ghalqet xi poloz ta' assikurazzjoni taghha u tat-tfal.

Il-konvenut jinsisti li meta l-attrici harget dawn il-flus, hargithom ghan-nom tas-socjeta' Pavin Limited, li ghandha sehemha minnha

peress li twaqqfet fiz-zwieg. Inoltre, jishaq li hu qatt ma kellu xoghol jew negozju f'ismu personali u dejjem hadem tramite dina s-socjeta' u ghalhekk il-pretensjoni attrici jekk milqugha mill-Qorti hija kontra s-socjeta' Pavin Limited u mhux kontrih personali.

Gie kkonfermat mix-xhieda prodotta f'dina l-kawza li l-azzjonisti fis-socjeta' Pavin Limited huma l-konvenut u missieru, l-attrici ma kellha x'taqsam xejn maghha u lanqas hadet xejn minnha meta giet *struck off* u meta kienet qed tghaddilu l-flus minhabba s-sitwazzjoni li nstabet fiha s-socjeta' Pavin Limited dan kienet qed taghmlu sabiex tghinu finanzjarjament. Kif ammettiet l-attrici stess ma kinitx tiehu gost tara lill-impjegati jibqghu bla paga ghax kulhadd ghandu l-familja xi tmantni.

Il-konvenut jinsisti li l-ammont pretiz mill-attrici ma jreggix ghaliex kif elenkat il-pagamenti li ghamlet, dawn jammontaw ghall-€63,000, imbaghad hemm ukoll l-ammonti tal-assikurazzjonijiet illi irriskwotat hi stess. Inoltre, ic-cekkijiet li harget kienu nhargu fuq l-il-kredituri u l-impjegati ta' Pavin Limited u ghalhekk qed thallas lilhom direttament u mhux il-konvenut bir-ragunar tieghu.

Di piu', il-konvenut donnu qed jipprova jahrab mill-obbligi tieghu ta' debitur meta jsostni li kien hallas lill-attrici ghal dawn il-flus peress li kien taha cekk fl-ammont ta' €100,000. L-attrici tirribatti l-verzjoni tal-konvenut li kien ghaddjelha dawn il-flus sabiex jissalvagwardja lill-familja tieghu li l-attrici jkollha fuq xiex iddur, kemm il-darba jkun hemm problemi bil-kawza kontra CM . Inoltre ssostni li l-konvenut harigiha c-cekk wara l-kwistjoni ma' CM u effettivament dan

inhareg fit-28 ta' Dicembru u mhux car jekk harigx fil-2012 jew 2015 ghax il-kopja prattikament illeggilbbli.[32]

Il-konvenut xehed li kien ikkalkola l-paga tieghu mis-socjeta' Pavin Limited ghall-perjodi ta' zmien u ghalhekk ikkrea *lumpsum* sabiex ikollu serhan il-mohh li ha l-pagi tieghu. Jinsisti li dan ic-cekk inhareg minnu personalment, izda minn flus li kienet ghaddietlu s-socjeta'.

L-attrici tirribatti dina l-verzjoni, stante li jekk verament dina kienet ir-raguni, kif issottolineat iktar 'l fuq, il-konvenut ma kienx jinsisti li ma setghetx issarraf ic-cekk sakemm tigi tterminata l-kawza kontra CM

Essenzjalment, huwa minnu li l-attrici ghamlet dawn il-pagamenti wara li ghamlu s-separazzjoni tal-beni u ghalhekk hija kreditrici tal-konvenut, filwaqt li l-istess konvenut huwa responsabbli ghal dak id-debitu fil-konfront tal-attrici fl-ammont ta' €100,000, ghaliex il-verzjoni tal-attrici hija dik l-iktar verosimili, l-iktar meta elenkat dawn il-pagamenti li kienet ghamlet, flimkien ma' cekkijiet li harget u dan wara argument li kellha mal-konvenut li kien wieghdha li kien ser jikri l-appartamenti li kien bena u kien ighix mill-kirijiet minhabba l-problemi finanzjarji li kellu. Kien hawn li hareg ic-cekk u jekk ma sarrfitux l-attrici huwa ghaliex dejjem ippruvat takkomodah sal-ahhar u kien talabha biex taghmel hekk.[33]

**<u>Self ta' €500</u>**

[32] Dok. KU 4 a fol.144
[33] Doks. U2 a fol. 142 u Dok, U 3 a fol. 143

Hemm qbil li l-attrici f'certu zmien riedet tbattal il-kamra tal-pranzu sabiex setghet tezercita x-xoghol ta' *reiki* mid-dar. Riedet tnehhi s-sett tal-pranzu u peress li l-konvenut riedhom kienu qablu li ghandu jehodhom u ghandu jhallasha s-somma ta' €500 u dan skond ma gie miftiehem fl-iskrittura privata li ghamlu bejniethom datata 17 ta' Settembru, 2020. Skond l-istess skrittura dawn il-flejjes kellhom jigi mhallsa sal-31 ta' Dicembru, 2021.[34]

L-attrici tinsisti li dawn il-flus ghadhom ma thallsux mill-konvenut. Minkejja li l-konvenut jinsisti li l-attrici ma tistax taghmel tali pretensjoni peress li ma saritx talba *ad hoc* fir-rikors guramentat, jibqa' l-fatt li dan l-ammont jifforma parti mil-likwidazzjoni tal-assi li ghandha ssir, kif ukoll hemm ammissjoni da parti tal-konvenut stess li kien hemm ftehim fuq l-ammont ta' €500 ghas-sett tal-pranzu.

Ghaldaqstant, it-talba attrici giet sufficjentement ippruvata.

**<u>Immobbli</u>**

Dwar id-dar matrimonjali hemm qbil li dina hija parafernali ghall-attrici, fejn prezentement baqghet tghix l-attrici, flimkien ma' uliedha.

**<u>Blokk ta' Appartamenti B'Kara</u>**

L-attrici qed titlob li jkunu ddikjarati ko-proprjetarji ndaqs tal-blokka appartamenti li tinstab fi Triq Monsinjur Alfred Mifsud, B'Kara. Huwa minnu li fil-bidu tal-proceduri, il-partijiet kienu ko-proprjetarji tal-istess blokk, izda fil-mori tal-proceduri, il-konvenut kien ghadda

[34] A fol 90 para. 93 (Dok. N fol. 128)

sehemhu ta' zewg appartamenti b'titolu ta' donazzjoni lil uliedhom Kimberely u Michaela rispettivament u jinsisti li l-attrici rrifjutat li taghmel l-istess.

L-attrici tikkonferma li fl-2007 kien dahal ghax-xiri ta' maisonette bl-arja f'B'Kara ghall-prezz ta' Lm85,000 (€198,000 Eur) u issellef mill-Bank of Valletta l-ammont ta' Lm60,000 (€139,762 Eur) Minkejja li kellhom is-separazzjoni tal-beni kellu jdahhal lill-attrici fl-akkwist, izda hi qatt ma harget sold la ghax-xiri u lanqas biex saru alterazzjonijiet necessarji jew l-appalti.

L-attrici ssostni li l-konvenut kien baqa' jhallas dan il-*loan* wahdu bhala investiment ghall-futur tat-tfal, mentri dan gie pacut billi hi kienet thallas l-ispejjes u l-bzonnijiet tat-tfal kollha. L-attrici tikkonferma ukoll li bdiet tikkontribwixxi lejn dan il-*loan* meta hareg digriet tal-Qorti, fejn ordnat lill-konvenut ihallas manteniment ghat-tfal.

Jirrizulta ghalhekk li effettivament l-attrici ghandha sehem indiviz ta' nofs tal-blokka, izda l-ko-proprjetarji taghha huma in kwantu ghal zewg appartament zewgha l-konvenut u in kwantu ghal zewg appartamenti ohra uliedhom K u M

Il-Qorti inoltre, temmen il-verzjoni attrici li kien hemm ftehim li hi ghandha tibqa' thallas ghall-bzonnijiet tat-tfal, filwaqt li l-konvenut jibqa' jhallas is-self, tant hu hekk li kien hemm zmien meta l-konvenut ma setax ihallas u talab *moratorium* u sadanittant bdiet thallas l-interessi fuq l-ammont misluf.

Ghalhekk, in konsegwenza tal-fatt li l-partijiet huma ko-proprjetarji u hemm dan l-arrangjament rigward pagamenti, ma jezistu ebda

arretrati da parti tal-attrici u l-konvenut ghandu jibqa' jhallas kwalsiasi bilanc ta' self li ghadu dovut.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi u ngurji gravi.

2. Tichad it-tieni talba stante li ma tirrizultax.

3. Tichad it-tielet talba attrici stante li dina l-Qorti ma thossx il-htiega.

4. Tichad ir-raba' talba attrici u tikkonferma li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda konguntiva, b'dana li r-residenza primarja tkun dik tal-attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tikkonferma r-retta alimentari li l-konvenut ghandu jhallas ta' kull xahar ghal ulied il-kontendenti kif kienet gia' stabbilita permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Jannar, 2022 u cioe' s-somma ta' €150 ghal kull wild, liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna li l-access jigi ezercitat kif fuq gie deciz fl-intestatura "Access."

7. Tastjeni milli tiehu konjizzioni ta' dina t-talba stante dak li gie deciz fit-raba' talba.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna li l-passaporti msemmija tal-minuri ghandhom jinzammu mill-attrici kif ukoll l-ispejjez ghat-tigdid tal-istess passaporti jinqassmu bejn il-partijiet.

9. Tilqa' d-disa' talba attrici skond ma gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

10. Tilqa' l-ghaxar talba attrici limitatament ghal dak li gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

11. Tichad il-hdax-il talba stante li l-partijiet qed jaqblu li dina l-blokk ta' appartamenti f'B'Kara hija hemm ghat-tfal taghhom u sadanittant ghadhom ko-proprjetarja, salv ghad-donazzjonijiet li l-konvenut ghamel lil bniet uliedu K u M .

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**